

32001D0197

L 71/15

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

13.3.2001

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tas-26 ta' Frar 2001****dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada li jirrinova l-programm ta' koperazzjoni fl-edukazzjoni għolja u t-taħriġ**

(2001/197/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 149 u 150 in konġunzjoni ma' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3),

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tat-22 ta' Mejju 2000 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja Ftehim għall-koperazzjoni fl-Edukazzjoni ogħla u l-istħarriġ professjonali bejn il-Komunità Ewropea, il-Kanada u l-Istati Uniti ta' l-Amerika.
- (2) Il-Komunità u l-Kanada jippretendu li jiksbu benfiċċju reċiproku minn din il-koperazzjoni, li għandha, min-naħa tal-Komunità, tikkumplimenta l-programmi bilaterali bejn L-Istati Membri u l-Kanada u tipprovdi valur miżjud Ewropew.
- (3) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika li jirrinova program ta' koperazzjoni fl-Edukazzjoni ogħla u t-taħriġ għandha tiġi approvata,

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada li jirrinova programm ta' koperazzjoni fl-Edukazzjoni ogħla u t-taħriġ huwa hawnhekk approvat fisem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim hu miżjud ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-delegazzjoni tal-Komunità Ewropea lill-Kumitat Konġunt li jirreferi għalih l-Artikolu 6 tal-Ftehim għandu jikkonsisti f'rappreżentant mill-Kummissjoni assistit minn rappreżentant minn kull Stat Membru.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill għandu jese gwixxi n-notifikazzjoni previst fl-Artikolu 12 tal-Ftehim.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Frar 2001.

*Għall-Kunsill**Il-President*

A. LINDH